MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANNA FELICE

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 901/2006

**Bank of Valletta p.l.c (C 2833)**

**vs**

**Bruno u Susan mizzewgin Tucci**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-Bank of Valletta plc fejn dan wara li ppremtta illi:

In forza ta’ bejgh in Subasta numru 90/2003 mizmum taht l-Awtorita’ ta’ Din l-Onorabbli Qorti nhar il-15 ta’ Ducembru 2005 gie liberat ghaf-favur tas-socjeta’ attrici l-Apartament internament markat bin-numru tlieta (3), formanti parti minn blokk ta’ flats li jismu ‘Luton Flats’, fi Triq F. Geneste, Birkirkara, liema apartament jinsab fit-tielet (3) sular u jinsab fuq il-lemin meta wiehed ihares lejn il-blokk mill-imsemmija triq u bil-partijiet komuni mal-flats l-ohra fl-

imsemmi blokk inkluzi l-*landings* tat-tarag, l-entrata u d-'drains', inklza l-proprjeta' tal-bejt flimkien mas-sid flimkien mas-sid tal-appartament munru wiehed (1) sottostanti, liema blokk jikkonfina mill-punent ma' l-imsemmija triq u mill-irjiehat l-ohra ma' proprjeta' ta' Joseph Mamo u ohrajn jew is-successuri fit-titolu taghhom, liberu u frank, fid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu, kif ahjar jidher mill-kopja tal-liberazzjoni hawn annessa u markata Dok. "A";

Ghalhekk illum il-konvenuti qed jokkupaw dan il-fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

L-attur jaf personalment illi saret il-liberazzjoni favur tieghu tal-fond indikat fid-dokument "A" hawn anness.

Il-konvernuti gew interpellati sabiex jizgombraw mill-imsemmi fond u dan permezz ta' Ittra Ufficjali datata 25 ta' Lulju 2006 li kopja taghha qed tigi hawn esebiti u markata Dok. "B", izda dawn baqghu inadempjenti.

Talab lil konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara illi l-konvenuti qed jokkupaw l-Apartament internament markat bin-numru tlieta (3), formanti parti minn blokk ta' flats li jisu 'Luton Flats', fi Triq F. Geneste, Birkirkara, liema apartament jinsab fit-tielet (3) sular u jinsab fuq il-lemin meta wiehed ihares lejn il-blokk mill-imsemmija triq u bil-partijiet komuni mal-flats l-ohra fl-imsemmi blokk inkluzi l-*landings* tat-tarag, l-entrata u d-'drains', inkluza l-proprjeta' tal-bejt flimkien mas-sid tal-appartament numru wiehed (1) sottostanti, liema blokk jikkonfina mill-punent ma' l-imsemmija triq u mill-irjiehat l-ohra ma' proprjeta' ta' Joseph Mamo u ohrajn jew is-successuri fit-titolu taghhom, liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu, minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

Tordna illi, in konsegwenza l-istess konvenuti fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss, jizgombraw mill-Apartament internament markat bin-numru tlieta (3), formanti parti minn blokk ta' flats li jismu 'Luton Flats', fi Triq F. Geneste, Birkirkara, liema apartament jinsab fit-

tielet (3) sular u jinsab fuq il-lemin meta wiehed ihares lejn il-blokk mill-imsemmija triq u bil-partijiet komuni mal-flats l-ohra fll-imsemmi blokk inkluzi l-*landings* tat-tarag, l-entratura, l-entrata u d-'drains' tal-bejt flimkien mas-sid tal-appartament numru wiehed (1) sottostanti, liema blokk jikkonfina mill-punent ma' l-imsemmija triq u mill-irjiehat l-ohra ma' proprjeta' ta' Joseph Mamo u ohrajn jew is-successuri fit-titolu taghhom, liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu, u jhalli l-istess immobbli liberu u battal favur is-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjlai datata 25 ta' Lulju 2006 u bir-rizerva ghall-kwalsiasi azzjoni ulterjuri spettanti lis-socjeta' attrici kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat li ghalkemm debitament notifikati, il-konjugi Tucci naqsu milli jressqu risposta ghall-kawza.

Rat ir-rikors tal-konjugi Tucci fejn dawk talbu li jipprezentaw ir-risposta taghhom.

Rat ir-risposta tal-Bank rikorrenti ghall-imsemmi rikors fejn l-istess Bank spjega l-opposizzjoni tieghu ghal din it-talba.

Rat is-sentenza tal-15 ta' Jannar 2009 fejn it-talba tal-konjugi Tucci biex jipprezentaw risposta giet michuda.

Semghet ix-xhud prodott.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Gunju 2009 fejn il-Qorti akkordat lill-istess konjugi Tucci terminu biex jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet taghhom, haga din li l-istess konvenuti naqsu milli jaghmlu.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba tal-Bank rikorrenti;

Tilqa t-tieni talba u tordna lill-konjugi Tucci biex fi zmien sittin gurnata jizgombraw mill-appartament Nru. 3 Luton Flats, Triq Geneste, Birkirkara u mill-partijiet komuni kollha fl-imsemmi blokk u jhallu l-istess immobbli liberu u battal favur il-Bank rikorrenti, u dan bl-ispejjez u rizervi kif mitluba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Bruno u Susan mizzewgin Tucci.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------